**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Jannar 2024**

Rikors Numru: 471/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1051/2015)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi il-partijiet izzewgu fl-erbgha u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieled tifel D B, li illum ghandu seba' snin;

2. Illi fit-3 ta' Mejju tas-sena 2023, il-partijiet sseparaw permezz takuntratt fl-atti tan-nutar Dr Sharon Faith Farrugia (Ara Dok B anness);

3. Illi l-partijiet ilhom minn Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) de facto separati u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni fuq indikat;

4. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom minn Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

5. Illi skond il-kuntratt taseparazzjoni in atti Nutar Dr Sharon Faith Farrugia, datat it-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), senjatament klawsola numru tnejn (2), l-partijiet iddekadew/ irrinunzjaw definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin. Il-manteniment ghal iben il-partijiet ai termini ta' klawsola numru hdax (11) dejjem thallas u għalhekk ma hemm l-ebda arretrati tamanteniment versu xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Settembru, 2023;

Semħet lill-intimat preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li ma jopponiex għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn Marzu tas-sena elfejn u dsatax u legalment separati mit-3 ta' Mejju 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.